**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 9 ta' Dicembru, 2021**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 134/2011**

**FS Engineering and Plastic Limited**

**vs**

**Branko Radojevic, ezercenti l-kummerc bl-isem "Rado Systems", u GAP Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-14 ta' Frar, 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-kumpannija esponenti tokkupa fabbrika maghrufa bhala "A25B", f'Marsa Industrial Estate, minn liema fabbrika hija tiggestixxi n-negozju taghha konsistenti fil-manifattura u produzzjoni ta' merce;

2. Illi l-kumpannija esponenti inkarigat lill-kumpannija konvenuta GAP Limited sabiex fil-fabbrika in kwistjoni, tqieghed art tal-konkrit b'fond approssimattiv ta' mitt millimetru (100mm), bil-patt li l-konkrit imqieghed ikun ta' kwalita "C25", fost pattijiet u kundizzjonijiet ohrajn li ser jirrizultaw waqt is-smigh ta' din il-kawza;

3. Illi in segwitu, l-kumpannija esponenti inkarigat lill-konvenut Branko Radojevic, ezercenti l-kummerc bhala "Rado Systems", sabiex iqieghed wicc ta' eposside fuq l-art in kwistjoni, fuq liema xoghol il-konvenut ta garanzija ta' hames (5) snin;

4. Illi kemm il-kumpannija konvenuta u kemm il-konvenut dehru li ezegwew l-appalt minnhom assunt;

5. Illi wara ftit zmien, il-wicc tal-art tal-eposside beda jintefah, jitqaxxar u jinqala' f'partijiet mill-art tal-fabbrika suriferita;

6. Illi rrizulta, wara ezami peritali mwettaq fuq talba tal-kumpannija attrici, li kemm kemm it-tqeghid tal-art tal-konkrit, u kemm it-tqieghed tal-wicc tal-eposside ma sarux skont is-sengha u al-arti;

7. Illi l-konvenut Radojevic gie mitkellem mir-rappresentanti tal-kumpannija attrici, u mgharraf dwar il-fatti menzjonati fil-paragrafu precedenti, u, wara li spezzjona huwa nnifsu dan id-difett, wieghed lir-rappresentanti tal-kumpannija attrici li ser jaghmel xoghlijiet rimedjali;

8. Illi madanakollu, dawn ix-xoghlijiet rimedjali baqghu ma gewx ezegwiti;

9. Illi ghalhekk, billi x-xoghlijiet imwettqin mill-konvenuti ma sarux skont is-sengha u l-arti, u billi b'konsegwenza ta' dan in-nuqqas, il-kumpannija attrici qieghda ssoffri danni konsistenti f'danni attwali li hija soffriet u ghandha ssoffri b'konsegwenza ta' dan ix-xoghol hazin, kif ukoll telf ta' qliegh konsegwenti ghall-uzu ridott tal-fabbrika in kwistjoni minhabba il-hsarat ilmentati, kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant il-kumpannija esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddeciedi u tiddikjara, occorrendo permezz periti nominandi, illi x-xoghol imwettaq mill-kumpannija konvenuta GAP Limited ma sarx skont is-sengha u l-arti;

2. tiddeciedi u tiddikjara, occorrendo permezz tal-opera ta' periti nominandi, illi x-xoghol imwettaq mill-konvenut Branko Radojevic ma sarx skont is-sengha u l-arti;

3. tiddeciedi u tiddikjara illi b'konsegwenza ta' dan ix-xoghol hazin, il-kumpannija attrici garrbet danni;

4. tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghal dawn id-danni;

5. tillikwida d-danni mgarrbin mill-kumpannija attrici, occorrendo permezz tal-opera ta' periti nominandi;

6. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom ihallsu d-danni minnha likwidati lill-kumpannija attrici;
u dan previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 3108/2010, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa ingunti subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta GAP Limited li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol imwettaq mill-esponenti sar skont is-sengha u l-arti u l-esponenti ma kkagunat l-ebda danni lis-socjeta attrici;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

Illi t-talba tar-rikorrent kif dedotta fil-konfront tal-esponenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li x-xoghol ezegwit mill-esponenti, konsistenti fit-tqeghid tal-eposside, ma kienx skond is-sengha u l-arti;

Illi fil-fatt jirrizulta mir-rapport tal-Perit ex parte tas-socjeta rikorrenti li x-xoghol ezegwit mis-socjeta konvenuta Gap Limited, konsistenti fit-tqeghid tal-konkos qabel ma sar it-tqeghid tal-eposside mill-esponenti, ma kienx sar skond is-sengha u l-arti, b'mod partikolari ghaliex il-konkos imqieghed kien ta' grad baxx u ghalhekk ma kellux l-hekk imsejha "compressive strength" idoneu, li kien necessarju sabiex l-eposside mqieghed sussegwentement izomm, u dana minkejja li qabel ma ezegwixxa x-xoghol tieghu, l-esponenti gie assikurat li l-grad tal-konkos kien ta' C-25;

Illi kien konsegwenti ghas-substrat dghajjef tal-konkos li influwenza l-eventwali tqeghid tal-eposside mill-esponenti kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi fic-cirkostanzi u b'referenza ghal paragrafu 7 tar-rikors guramentat, filwaqt illi fil-bidu l-esponenti kien dispost li jaghmel xoghlijiet rimedjali, irrizulta minn access li kien sar minnu f'Ottubru 2010 u anke mir-rapport tal-Perit Schembri mahtur mir-rikorrent, li l-konkos ma kienx tal-grad mehtieg u kien qed jixpakka bil-konsengweza li kien qed jikkaguna hsara fl-eposside u ghalhekk xoghlijiet rimedjali da parti tieghu ma kienx responsabbli ghalihom, u f'kull kaz kien inutli li jsiru kemm-il darba l-konkos ma kienx ser jigi mibdul;

Illi ghalhekk l-ewwel u t-tieni talba ma ghandhomx jintlaqghu fil-konfront tal-esponenti;

Illi konsegwentement l-esponenti ma ghandhux jinstab responsabbli ghad-danni kif mitlub fit-talbiet tlieta sa sitta tar-rikors guramentat, liema danni f'kull kaz ghandhom jigu pruvati;

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat l-atti, ir-rappport peritali u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hija sentenza wara kawza intavolata mis-socjeta attrici permezz ta' liema qed titlob illi jigi ddikjarat li x-xoghol imwettaq mill-konvenuti fuq inkarigu taghha ma sarx skont is-sengha u l-arti u konsegwentement ikkawza danni lill-istess socjeta attrici, tillikwida l-ammont ta' danni sofferti u tordna lill-konvenuti jew lil min minhomm sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati. Is-socjeta attrici tikkontendi illi hija tokkupa fabbrika minn fejn tiggestixxi n-negozju taghha u kienet inkarigat lill-konvenuta GAP Limited sabiex tqiegħed art tal-konkrit fil-fabbrika msemmija, b'fond ta' circa mitt millimetru u b'konkrit tal-kwalita C25. Sussegwentement il-kumpanija attrici inkarigat lill-konvenut Branko Radojevic sabiex iqiegħed wicc tal-eposside fuq din l-art. Is-socjeta attrici tikkontendi illi minkejja li l-konvenuti dehru li esegwew l-appalt moghti lilhom sew, wara ftit zmien il-wicc tal-eposside beda jintefah, jitqaxxar u jinqala f'partijiet u, skont is-socjeta attrici, wara ezamijiet li saru irrizulta illi t-tqeghid tal-konkrit u tal-wicc tal-eposside ma kienx sar skont is-sengha l-arti. Hija tikkontendi wkoll illi l-konvenut Radojevic kien spezzjona d-difett personalment u kien wieghed li ser jaghmel xogholijiet rimedjali, izda dawn baqghu qatt ma gew esegwiti. GAP Limited cahdet dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt filwaqt illi Branko Radojevic ikkontenda illi GAP Limited esegwit ix-xoghol li kellha taghmel hazin u kien dan illi influwenza l-eventwali tqeghid tal-eposside, u illi ghalkemm kien inizjalment dispost illi jaghmel ix-xogholijiet rimedjali mehtiega eventwalment irrizulta illi dan kien ser ikun inutli wara li mir-rapport tal-Perit Schembri rrizulta illi l-konkos ma kienx tal-grad mehtieg u kien qed jixpakka u jikkawza hsara fl-eposside.

Fis-6 ta' Gunju 2011 din il-Qorti hatret lil Perit Tekniku Mario Cassar sabiex jirredigi relazzjoni peritali dwar dak mitlub u eccepit. Din ir-relazzjoni giet prezentata mill-istess Perit fis-16 ta' Novembru 2016. Wara li semgha l-provi u ghamel access fuq il-post, il-Perit Tekniku wasal ghal konkluzjoni illi x-xoghol imwettaq mill-konvenuta GAP Limited ma sarx skont l-arti u s-sengha u kien il-kagun principali tal-hsarat li rrizultaw fl-art tal-fabbrika okkupata mis-socjeta attrici. Il-Perit irrelata illi l-konkos imqieghed minn GAP Limited ma tellax is-sahha miftiehma ta' C25 izda dan ma kienx il-fattur principali tal-hsarat li rrizultaw fl-art. Skont il-Perit Tekniku, dawn il-hsarat kienu l-konsegwenza tal-fatt illi GAP Limited ma hargitx wicc lixx tal-konkos, bir-rizultat illi kellu jigi applikat saff addizzjonali ta' *self levelling grout*, u kien dan li holoq il-problemi kollha.

Fir-rigward tal-konvenut Radojevic il-Perit Tekniku kkonkluda illli l-applikazzjoni tal-*epoxy resin* fuq l-art tal-konkos saret skont is-sengha u l-arti, u dak li ma sarx skont is-sengha u l-arti minnu kien ix-xoghol li kellu jwettaq, minghajr kumpens, ta' applikazzjoni ta' *self levelling grout* biex jaghmel tajjeb ghax-xoghol hazin imwettaq minn GAP Limited. Huwa rrelata illi minkejja li dan ma kienx kompitu ta' Radojevic, huwa dahal biex jghin lil GAP Limited billi japplika saff ta' *self levelling grout* provdut lilu minn GAP Limited, izda minhabba fatturi varji spjegati fir-relazzjoni, dan is-saff iddistakka mill-konkos moghti minn GAP Limited. Skont il-Perit Tekniku is-socjeta attrici hija wkoll parzjalment responsabbli ghall-akkadut minhabba illi ma halliex f'idejn kuntrattur wiehed responsabbli mix-xogholijiet kollha li jkun jaf x'jirrikjedi x-xoghol mill-bidu sal-ahhar. Ikkonsidra wkoll illi s-socjeta attrici kellha almenu tidhol f'kuntratt bejn iz-zewg kuntratturi fejn seta' jigu miftehma l-ispecifikazzjonijiet sabiex b'hekk ma jkunx hemm malintiz bejn iz-zewg kuntratturi. In vista ta' dan il-Perit Tekniku qies illi d-danni sofferti mis-socjeta attrici huwa attribwibbli in kwantu ghal 25% lill-attur, in kwantu ghal 25% lil Branco Radojevic u in kwantu ghal 50% lil GAP Limited.

F'dak li jirrigwarda l-konkluzjonijiet teknici, ma tirrizulta l-ebda raguni legalment valida sabiex il-Qorti ma taccettax u ma taghmilx taghha l-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku. Fil-fehma tal-Qorti, mir-relazzjoni teknika jirrizulta illi l-appalt moghti mis-socjeta attrici lill-konvenuti rrizulta f'xoghol difettuz li wassal ghal htiega li jsiru xogholijiet rimedjali. Is-socjeta konvenuta GAP Limited kisret kemm l-obbligazzjonijiet assunti minnha b'mod espress fl-appalt u kif ukoll l-obbligazzjoni generali imposta mill-ligi illi twettaq ix-xoghol fdat lilha skont is-sengha u l-arti. GAP Limited kienet giet inkarigata b'mod specifiku biex tqieghed art ta' konkrete li twassal ghal sahha ta' C25, u mill-perizja teknika jirrizulta illi dan l-obbligu ma twettaqx. GAP Limited kienet ukoll giet inkarigata espressament sabiex tohrog wicc lixx bl-uzu ta' laser, u mill-provi jirrizulta illi wara decizjoni arbitrarja u unilaterali, GAP Limited iddecidiet illi ma taghmilx uzu mill-laser, bi ksur iehor tal-patti espressi miftehma mas-socjeta attrici. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Schembri vs Emanuel Caruana** (PA 09/10/2003) fejn gie spjegat illi:

> "L-imprenditur huwa tenut jesegwixxi l-kuntratt mhux kif jidhirlu hu imma `bene e a regola d'arte e secondo i patti stabbiliti', u fejn ma hemmx patti

espressi, l-esekuzzjoni ghandha ssir skond l-intenzjoni tal-partijiet li zgur li ma kienetx illi kellu jinghata xoghol hazin.”

Il-Qorti pero ma taqbilx mal-Perit Tekniku f’dak li jirrigwarda l-ispartizzjoni tar-responsabbilita ghall-akkadut bejn il-kontendenti. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, id-determinazzjoni tar-responsabbilita tal-kontendenti hija fl-ahhar mill-ahhar kwistjoni legali u ghandha tigi deciza bhala punt ta’ dritt, ghalkemm naturalment fid-dawl tal-kostatazzjonijiet teknici maghmula mill-Perit mahtur mill-Qorti.

L-ewwel nett l-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-Perit Tekniku illi s-socjeta attrici hija parzjalment responsabbli ghal hsara li saret ghaliex ma qabbditx kuntrattur wiehed u b’hekk ma evitatx illi jkun hemm malintiz bejn il-kuntratturi differenti. Mill-provi jirrizulta illi l-hsara subita mis-socjeta attrici ma kinitx kagun ta’ xi malintiz bejn il-konvenuti. Dak li jirrizulta, kif konstatat mill-Perit Tekniku stess, huwa illi GAP Limited ma onorat l-ebda parti mill-appalt moghti lilha mis-socjeta attrici f’dak li ghandu x’jaqsam il-kwalita pattwita. Mhux biss m’uzatx konkos b’sahha ta’ C25 kif miftiehem, izda wkoll ma hargitx wicc lixx tal-konkos bl-uzu ta’ laser level kif miftiehem bejn il-partijiet. Jirrizulta illi filfatt il-konvenuti kienu iddiskutew flimkien sabiex isibu soluzzjoni ghal fatt li l-konkos ma kienx invell wara illi Radojevic kien ghamilha cara mill-ewwel illi l-wicc tal-konkos ma kienx invell bizzejjed biex ikun jinghata l-epoxy. Fi kwalunkwe kaz, din il-htiega li l-konvenuti jiddiskutu biex isolvu l-problema inqalghat proprju ghaliex GAP Limited holqot din il-problema hija stess ghaliex ma esegwitx l-appalt moghti lilha skont il-ftehim li kellha mas-socjeta attrici u skont is-sengha u l-arti. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti is-socjeta attrici zgur li ma tistax tigi attribwita xi htija ghal hsara li sofriet ghaliex ghazlet li tuza zewg kuntratturi differenti.

Detto dan, il-Qorti rat illi mir-relazzjoni teknika jirrizulta illi s-socjeta attrici, tramite Frank Saliba, applikat SIKA *latex* fuq il-konkos ezistenti biex jaqbad is-saff ta’ *self levelling grout,* minflok ma qabbdet nies professjonali biex jaghmlu dan ix-xoghol. Il-Perit Tekniku ikkonsidra illi dan kien wiehed mill-fatturi li wasslu sabiex l-ahhar qoxra li giet applikata biex jigi invellat il-wicc tal-art tal-konkos tinqala. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi s-socjeta attrici ghandha terfa parti mir-responsabbilita ghall-akkadut, u qed tiffissa l-grad ta’ responsabbilita tas-socjeta attrici f’percentwali ta’ 25%.

Jirrizulta wkoll illi l-konvenut Radojevic gie mqabbad minn GAP Limited sabiex jaghti saff ta’ *self-levelling grout* biex il-wicc tal-konkos ikun accettabbli biex fuqu jinghata l-*epoxy* ghaliex GAP Limited ma kinux jistghu jew ma kinux jafu japplikawh. Skont il-Perit Tekniku ma jirrizultax illi l-wicc tal-konkos ezistenti gie migruf (scarified) bhal ma suppost isir skont il-letteratura teknika. Ghalhekk jidher illi lanqas dan ix-xoghol rimedjali ma sar sew. Pero fil-fehma ta’ din il-Qorti Radojevic m’huwiex responsabbli fil-konfront tas-socjeta attrici ghal dan. Is-socjeta attrici inkarigat lil Radojevic sabiex jaghti saff ta’ *epoxy* fuq l-art imqieghda minn GAP Limited. Dan l-inkarigu ma kienx jinkludi l-ghoti ta’ saff ta’ *self-levelling grout*, liema inkarigu inghata lil Radojevic minn GAP Limited. Ghalhekk f’dan ir-rigward Radojevic kien sub-kuntrattur ta’ GAP Limited u ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici. F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Schembri vs Caruana citata aktar il-fuq, fejn intqal illi:

> “Is-sub-kuntrattur m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-sid, u d-danni minhabba inadempjenza jridu jithallsu u jkunu dovuti mill-kuntrattur, anke jekk in-nuqqas ikun attribwibbli lis-sub-kuntrattur. Hu biss jekk it-terz, li jikkaguna l-hsara, ma jkollu ebda relazzjoni mad-debitur tal-obbligazzjoni, li dak l-agir ma jkunx attribwibbli lid-debitur inadempjenti; jekk dan it-terz, min-naha l-ohra, ikun gie ikkummissjonat mid-debitur biex jassistih fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, kull nuqqas ta' dak it-terz, jitqies nuqqas tal-kuntrattur kontraent.”

Ghaldaqstant ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta’ *self-levelling grout* hija GAP Limited li terfa r-responsabbilita ghall-hsara subita mis-socjeta attrici.

Fir-rigward tal-inkarigu moghti mis-socjeta attrici lil Radojevic, u cioe l-ghoti ta’ wicc ta’ *epoxy,* il-Qorti rat illi l-Perit Tekniku kkonkluda li dan ix-xoghol sar minn Radojevic skont is-sengha u l-arti. Ghalhekk, galadarba ix-xoghol li gie inkarigat li jaghmel mis-socjeta attrici sar tajjeb, huwa m’ghandux jirrispondi ghad-danni subiti minnha. Fir-rigward tal-ilment tas-socjeta attrici illi Radojevic kien eventwalment irrifjuta li jaghmel xoghlijiet rimedjali ulterjuri, mill-atti jirrizulta illi dan kien ghaliex kien irrizulta illi d-difett riskontrat kien kagun tan-nuqqasijiet ta’ GAP Limited u ma kienx possibli illi l-problema tigi rimedjata b’mod permanenti minghajr ma tinqala’ l-art. Ghalhekk Radojevic ghamel sew meta rrifjuta li jaghmel xogholijiet ulterjuri li fl-ahhar mill-ahhar ma setghux effettivament jirrimedjaw id-difett li kien hemm fl-art, ghaliex il-

gurisprudenza tghallem illi l-kuntrattur m'ghandu qatt jaccetta li jaghmel xoghol li ma jkun ta' ebda utilita.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-konvenut Branko Radojevic m'huwiex responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici, filwaqt illi s-socjeta konvenuta GAP Limited hija responsabbli ghad-danni sofferti f'sehem ta' 75% ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati.

**Danni**

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi huwa principju tal-ligi illi fejn si tratta ta' inadempjenza kontrattwali, il-kolpa hija prezunta u l-ligi, permezz tal-artikolu 1125 tal-Kodici Civili, taghti azzjoni ghad-danni kontra min jonqos jew jikser obbligazzjonijiet assunti minnu (ara per ezempju: **Dr Jose` Herrera noe vs Gaetano Debattista et noe,** PA 21/04/2004). Id-danni illi ghalihom huwa intitolat il-kreditur tal-obbligazzjoni huma t-telf li l-kreditur ikun bata' u l-qliegh li jkun gie imtellef, ai termini tal-artikolu 1135 tal-Kodici Civili, filwaqt illi l-artikolu 1136 jillimita d-danni dovuti ghal dawk li d-debitur tal-obbligazzjoni jkun basar jew seta' jobsor fiz-zmien tal-obbligazzjoni, fil-kaz li ma jkunx hemm ghemil doluz minn naha tieghu.

Mill-atti jirrizulta illi s-socjeta attrici inkorriet diversi spejjez sabiex issir analizi tas-sahha tal-art u sabiex isiru xogholijiet rimedjali minhabba d-difetti li rrizultaw fix-xoghol maghmul mill-konvenuti a kawza tan-nuqqasijiet ta' GAP Limited (*fol.* 528, 533, 536). Jirrizulta illi l-ispiza totali f'dan ir-rigward kienet fl-ammont totali ta' €11,107.17. Peress illi din il-Qorti sabet illi s-socjeta attrici ghandha terfa kwart mir-responsabbilita ghall-akkadut, l-ammont dovut mill-konvenuta GAP Limited huwa fl-ammont ta' €8,330.38.

Is-socjeta attrici qed titlob ukoll illi l-konvenuta taghmel tajjeb ghall-kera li hija hallset fir-rigward ta' dik il-parti mill-fabbrika li ma setghatx taghmel uzu minnha in konnessjoni mal-kwistjoni mertu ta' dawn il-proceduri u l-pagi tal-haddiema li kellha thallas peress li l-istess haddiema ma setghux jahdmu ghall-istess raguni. Barra minn hekk is-socjeta attrici qed titlob ukoll illi s-socjeta konvenuta thallas danni in konnessjoni mal-qliegh illi hija tilfet meta ma setghatx tkompli tahdem b'mod normali

minhabba d-difett fl-art mertu ta' dawn il-proceduri. Fil-fehma ta' din il-Qorti, is-socjeta konvenuta setghat tobsor illi jekk taghmel ix-xoghol hazin bil-konsegwenza li jkun hemm bzonn ta' xogholijiet rimedjali, is-socjeta attrici kienet ser isofri danni in konnessjoni ma' telf ta' profitt u spejjez zejda ta' kera u salarji ta' haddiema fir-rigward ta' dik il-parti tal-fabbrika li ma setghatx tintuza. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi GAP Limited ghandha taghmel tajjeb ghal dawn id-danni sofferti mis-socjeta attrici ai termini tal-artikolu 1125 tal-Kodici Civili.

Il-Qorti rat illi s-socjeta attrici m'hijiex qed tippretendi hlas ghal-qliegh li hija tilfet waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet originarjament miftehma bejn il-partijiet, izda biss dak mitluf minhabba li kellhom isiru xogholijiet rimedjali, u dan skont kif jirrizulta mix-xhieda in kontro-ezami ta' Jason Schembri. Jason Schembri kjarifika in kontro-ezami illi s-socjeta attrici qed titlob danni ghas-snin 2009 u 2010 u illi x-xogholijiet ta' tiswija li saru minn Flock Image saru fl-2011. Waqt il-kontro-ezami tieghu x-xhud ukoll spejga illi fl-2009 kienu gew affetwati 10% mill-magni tas-socjeta attrici filwaqt illi fl-2010 kienu gew affetwati 40% mill-magni. Mill-kontro-ezami tal-istess xhud jirrizulta wkoll illi l-art fejn saru x-xogholijiet in kwistjoni kienet kollha *production area,* u fil-parti in kwistjoni kien hemm kwazi hmistax *injection machines*. Il-Qorti rat ukoll illi d-danni rapprezentanti telf ta' qliegh mitluba mis-socjeta attrici jirrigwardaw biss l-ordinijiet ta' erba' prodotti partikolari li hija kienet tipproduci[1], u mhux il-prodotti kollha, peress illi kienu dawn il-prodotti biss li kienu jigu ffabbrikati f'dik il-parti mertu tal-proceduri odjerni.

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi s-socjeta attrici ma ressqet l-ebda prova sabiex turi b'mod konkret illi t-telf ta' qliegh subit minnha kien effettivament unikament kawza tax-xoghol hazin maghmul minn GAP Limited. Ghalkemm fix-xhieda tieghu Jason Schembri jghid illi hemm *emails* li juru li Foster Clarks kienet qed tikkancella ordinijiet ghaliex is-socjeta attrici ma kinitx qed twettaq ix-xoghol mehtieg fil-hin dawn l-emails qatt ma gew prezentati fl-atti tal-kawza. Il-Qorti tinnota illi filfatt ghalkemm id-dokument a *fol.* 525 jaghmel referenza ghal "*Evidence of orders Cancelled*" li suppost kellu jkun "*Attachment 11*" id-dokumenti in kwistjoni ma jurux b'mod car illi Foster Clarks kienet qed tikkancella xi ordinijiet minhabba l-problema fl-art li kellha s-

[1] Dawn il-prodotti huma: (i) Foster Cark Vanilla Tubes and Lids; (ii) Foster Clark Screw Caps; (iii) Foster Clark Reclosures; (iv) Sealing Containers.

socjeta attrici. Detto dan, il-Qorti tqis illi galadarba jirrizulta pruvat illi kien hemm partijiet mill-fabbrika illi ma setghux jintuzaw minhabba d-difett fl-art ikkawzat minn GAP Limited, hija konsegwenza logika illi s-socjeta attrici ma setghatx twettaq l-ordnijiet kollha li normalment kienet twettaq meta setghat tuza il-magni kollha li kellha. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti hemm lok illi jigu akkordati danni rapprezentanti telf ta' qliegh, b'dan illi jigu temperati sabiex jittiehed kont tal-fatt illi m'hemmx prova konkreta illi t-telf ta' qliegh subit mis-socjeta attrici kien kollu attribwibbli lil GAP Limited. Dan ukoll specjalment ikkonsidrat illi Jason Schembri stess qabel *ex admissis* in kontro-ezami illi jkun hemm avariji minn sena ghall-ohra fil-profitt tas-socjeta attrici ghaliex il-profitt jiddependi mid-domanda tal-klijenti. Barra minn hekk il-Qorti tqis ukoll li ghandu jkun hemm tnaqqis biex jiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi s-socjeta attrici ma ressqitx provi dwar l-introjtu taghha ghal numru ta' snin qabel is-sena 2008 li kien jaghtu stampa ferm aktar cara tal-qliegh li normalment taghmel mill-ordnijiet tal-prodotti in kwistjoni.

Il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif is-socjeta attrici ghamlet il-kalkoli sabiex waslet ghall-ammont li skont hi jirraprezenta t-telf ta' qliegh subit minnha. Partikolarment mix-xhieda ta' Jason Schembri jirrizulta illi l-figuri indikati mis-socjeta attrici (*fol.* 707) inhadmu fuq is-*selling price* tal-prodotti in kwistjoni u ghalhekk jirraprezentaw profitt gross u mhux profitt nett. Pero, id-danni dovuti mis-socjeta konvenuta ghandhom necessarjament ikunu ibbazati fuq il-profitt nett tas-socjeta attrici ghaliex dan huwa l-qliegh illi kienet verament tibbenefika minnu s-socjeta attrici u li tilfet b'kagun tal-agir ta' GAP Limited.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat il-provi kollha prodotti mill-partijiet, qed tiffissa *arbitrio boni viri* u fuq bazi *ex aequo et bono* s-somma ta' €75,000 bhala t-telf ta' qliegh soffert mis-socjeta attrici. Minn dan l-ammont ghandu imbaghad isir tnaqqis ta' 25% peress illi din il-Qorti sabet illi s-socjeta attrici hija responsabbli fil-grad ta' 25% ghad-danni sofferti. Ghaldaqstant, l-ammont dovut minn GAP Limited rapprezentanti d-danni sofferti mis-socjeta attrici bhala telf ta' qliegh huwa fl-ammont ta' €56,250.

Fir-rigward tal-kera imhallsa mis-socjeta attrici ghal dawk il-partijiet tal-fabbrika li ma setghatx tuza minhabba x-xoghol hazin li sar mis-socjeta konvenuta, il-Qorti ma

taqbilx mas-socjeta attrici illi l-ammont ta' danni ghandu jigi kkalkulat a bazi tal-percentwali tar-riduzzjoni ta' qliegh esperjenzat mis-socjeta attrici. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-kalkolu ghandu jsir fid-dawl tal-qies ta' dik il-parti tal-fabbrika illi ma setghatx tintuza. Peress illi s-socjeta attrici ma produciet l-ebda prova li turi kemm hu il-kobor tal-fabbrika kollha sabiex il-kera dovuta tkun tista' tinhadem pro rata, il-Qorti ser tifissa l-kumpens dovut mis-socjeta konvenuta *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €1,500. Wara li jitnaqqas 25% minn dan l-ammont minhabba illi s-socjeta attrici kienet ukoll responsabbli ghad-difett li rrizulta fl-art, l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta huwa fl-ammont ta' €1,125.

Fir-rigward tal-paga tal-haddiema li ma setghux jahdmu minhabba d-difett fl-art, il-Qorti tirrileva illi mill-provi ma jirrizultax kemm effettivament tilfu sieghat ta' xoghol dawn il-haddiema. Is-socjeta attrici bbazat il-kalkolu taghha f'dan ir-rigward ukoll a bazi tar-rata ta' telf ta' qliegh li kkalkulat li sofriet. Il-Qorti pero tqis illi dan mhux metodu ta' komputazzjoni korrett, peress illi d-danni li ghandhom jithallsu mis-socjeta konvenuta f'dan ir-rigward ghandhom jirriflettu d-danni attwalment subiti mis-socjeta attrici, u mhux jigu bbazati fuq komputazzjonijiet ta' *lucrum cessans.* Il-Qorti tosserva illi s-socjeta attrici ma gabitx prova dwar kemm il-siegha xoghol hallset ghalihom minghajr ma l-haddiema setghu jahdmu ghaliex l-art kienet imkissra u ghalhekk mhux possibli li jsiru kalkoli precizi f'dan ir-rigward. Ghaldaqstant, wara li rat il-provi, il-Qorti qed tiffissa *arbitrio boni viri* s-somma ta' €2,000 bhala d-danni subiti mis-socjeta attrici fir-rigward tal-paga mhallsa lill-haddiema meta ma setghux jahdmu. Wara li jitnaqqas 25% minn dan l-ammont minhabba illi s-socjeta attrici kienet ukoll responsabbli ghad-difett li rrizulta fl-art, l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta huwa fl-ammont ta' €1,500.

Ghaldaqstant, is-somma totali dovuta mis-socjeta konvenuta GAP Limited lis-socjeta attrici hija fl-ammont sebgha u sittin elf, mitejn u hames ewro u tmienja u tletin centezmu (€67,205.38).

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' Branko Radojevic u konsegwentement tichad it-tieni talba attrici, tichad l-eccezzjoni ta' GAP Limited, tilqa' l-bqija tat-talbiet attrici, tiddikjara illi x-xoghol imwettaq mis-socjeta konvenuta GAP Limited ma sarx skont is-sengha u l-arti, tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici b'konsegwenza ta' dan fl-ammont ta' sebgha u sittin elf, mitejn u hames ewro u tmienja u tletin centezmu (€67,205.38) u tikkundanna lill-istess GAP Limited sabiex thallas l-ammont hekk likwidat ta' sebgha u sittin elf, mitejn u hames ewro u tmienja u tletin centezmu (€67,205.38), bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.
Spejjez jithallsu minn GAP Limited, hlief ghall-ispejjez ta' Branko Radojevic li ghandhom jithallsu mis-socjeta attrici.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur